**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

30 ta' Ġunju 2024

# *Festa li ssir mill-ħsieb għall-qalb*

Tassew kbir kien il-ħsieb wara kull ħaġa li saret f'dawn il-jiem tal-festa. U meta l-affarijiet isiru bi ħsieb tajjeb, ir-riżultat imiss il-qalb u jġib il-ferħ, u anki jekk l-affarijiet maħsuba u ppjanati tajjeb ma jirnexxux mija fil-mija, xorta waħda l-qalb tintmess u tifhem, tagħder u tħobb u l-ferħ ma jonqosx.

Nemmen li dan kien l-effett tal-festa tagħna. Rajtu f'għajnejn ħafna minnkom, li fhimtu l-impenn, għadirtu n-nuqqasijiet u ħabbejtu xorta waħda lil xulxin, u dan kabbar il-ferħ tal-festa b'mod li ħassu kull min ġie minn barra biex igawdiha: "**Kien hawn klima sabiħa**" qaluli, u ħassejtni veru kuntent bil-parroċċa tagħna tan-Nadur f'dawn il-jiem ta' festa, għax dan hu l-iskop tal-komunità nisranija tagħna: li toħloq klima sabiħa; fejn dawk ta' ġewwa jħossuhom apprezzati u magħqudin flimkien; u dawk ta' barra jħossuhom attirati biex jingħaqdu magħna. Jalla dak li ċċelebrajna f'dawn il-ġranet, bil-għajnuna ta' San Pietru u San Pawl, **jagħtina l-ispinta sabiex inkomplu nikbru u nkabbru lil xulxin**, fiż-żmien li ġej.

Din il-ġimgħa tlabna mal-familji u fraħna magħhom u mas-saċerdoti tagħna li għalqu l-anniversarju tagħhom. Ilqajna l-emigranti fostna u tajniehom sehem fil-liturġija tagħna. Smajna l-kelma tal-Isqof u tal-predikaturi li għenuna nifhmu kemm Alla jħobbna u jrid jgħinna f'kull deċiżjoni tagħna. Ejjew ngħożżu dan kollu f'qalbna, ħa jagħtina l-qawwa nkomplu mexjin 'il quddiem.

Għada t-Tnejn 1 ta' Lulju, il-quddiesa ta' filgħaxija ser tkun iddedikata għal dawk kollha li ħadmu fl-organizzazzjoni tal-festa f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Festi Esterni: is-saċerdoti, l-animaturi tal-kant u l-liturġija, iż-żgħażagħ Mnarja, tar-Radju u l-live streaming, il-Kunsill Lokali, tal-armar fil-knisja u fit-toroq, tan-nar, tal-banda, tal-fundraising, tqassim ta' flyers u bullettini. Ejjew nirringrazzjaw lil Alla u nitolbuh ikompli jgħaqqadna u jsaħħaħna bil-Kelma tiegħu u bit-Tqarbin. Wara sejrin nakkumpanjaw l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl lura fin-niċċa.

**Fil-jiem li ġejjin nistieden lil kulħadd** ma jiddejjaqx joffri l-għajnuna tiegħu lil dawk li ser ikunu qed jaħdmu sabiex iżarmaw u jnaddfu kollox wara l-festa. Forsi ma nkunux nistgħu nagħtu daqqa t'id, imma żgur li tislima ħafifa nistgħu noffruha u dik taf tkun sinjal kbir ta' apprezzament u ringrazzjament lejn dawk li minħabba xogħolhom ma setgħux igawdu l-festa bħalna.

*Dun Krystof*

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:**
nhar il-Ġimgħa 5 ta' Lulju
fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar.
Tkun filgħaxija wara
l-quddiesa tal-5.00pm.
Mistednin niltaqgħu flimkien
quddiem Ġesù Ewkaristija u
nitolbuh il-ħniena tiegħu
għalina, għall-familjari tagħna
u għad-dinja kollha.

**Grazzi tal-ġenerożità kbira tagħkom!**

Nuru l-apprezzament tagħna għad-donazzjoni lill-mużew tal-parroċċa, ta' statwa ta' San Pietru u San Pawl maħduma fiċ-ċeramika mill-artist Victor Agius b'rikonoxximent għaż-żmien li għex fin-Nadur.

F'dawn il-jiem komplew jinġabru donazzjonijiet li laħħqu l-€400, mingħand diversi benefatturi, għar-restawr tal-linef tal-knisja tagħna.

Grazzi tad-donazzjonijiet sabiex isiru bukketti ta' ward quddiem l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl. Inġabru qrib l-€1,000.

Ngħarrfukom illi l-ġabra mill-envelopes laħqet is-somma ta' €12,276.

**AVVIŻI:**

**QUDDIESA FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 5 ta' Lulju fil-5.00pm.

**SIEGĦA ADORAZZJONI:** fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, nhar is-Sibt 6 ta' Lulju fit-8.15am. Din se ssir b'riparazzjoni lill-qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Kulħadd hu mistieden jingħaqad magħna.

**SHIFT WIEĦED FIL-MUSEUM TAS-SUBIEN:** mit-Tnejn 1 ta' Lulju l-lezzjonijiet fil-Museum tas-subien ser isiru kollha f'shift wieħed—bejn is-6.45pm u s-7.15pm. Tal-Primarja jkollhom nhar ta' Tnejn u Ħamis u l-grawnd jinfetaħ fis-6pm. Tas-Sekondarja jkollhom nhar ta' Tnejn, Tlieta, Ħamis u Ġimgħa u jkollhom il-logħob wara l-lezzjoni bejn is-7.15 u t-8.15pm. Ħeġġu lil uliedkom sabiex jibqgħu jattendu għat-tagħlim u l-formazzjoni anke fil-jiem tas-sajf.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am